**Konkors Ilwien Mużikali 2012**

**Ir-Raba' Edizzjoni**

Bronk Productions Tel: 21223347 / 27223347

KAT 'A' [ ] bil-Malti

KAT 'B' [ ] bil-Malti

**IMPORTANTI LI TAQRA R-REGOLAMENTI KOLLHA SEWWA**

KAT 'Ċ' [ ] bil-Malti

KAT 'D' [ ] bil-Malti

KAT 'E' [ ] bl-Ingliż / Taljan jew Franċiż

Isem il-Kompożitur ____________________________

Indirizz ____________________________

____________________________

I.D. Card No _____________

Tel. No _____________ Mob. No _______________

___________________________________________________________

Isem l-Awtur ____________________________

Indirizz ____________________________

____________________________

I.D. Card No ______________

Tel.No. ______________ Mob. No _______________

___________________________________________________________

**TAGĦRIF DWAR IL-KANZUNETTA**

Isem il-Kanzunetta ____________________________

Kantant/a/i ____________________________

Tel.No. ______________ Mob. No _______________

**L-applikazzjonijiet jintlaqgħu bejn it-2 u s-7 ta' April 2012. L-aħħar applikazzjonijiet għandhom jaslu sa nhar is-Sibt,7 ta' April, 2012 f'nofsinhar.**

## *Ir-Raba'EDIZZJONI*

## *REGOLAMENTI TAL-KONKORS ILWIEN MUŻIKALI 2012*

1. **Il-konkors** ILWIEN MUŻIKALI se jkun organizzat mill-Bronk Productions. ***Dan il-konkors sa jsir fuq bażi ta' halfplayback (Mużika playback) u vuċi live u diska oriġinali.***

2. Il-konkors se jittella' Fit-Teatru tal-Istitut Kattoliku, Floriana u se jsir nhar is-Sibt 12 ta' Mejju 2012.

3. L-Organizzaturi tal-Konkors jafdaw l-organizzazzjoni u t-tmexxija tal-kompetizzjoni f'idejn Benny Casha f'isem il-Bronk Productions. Għalhekk kull parteċipant għandu jitlob it-tagħrif meħtieġ jew iressaq l-ilmenti u s-suġġerimenti tiegħu dejjem ma' Benny Casha **BISS**.

4. Dan il-Konkors se jkun taħt l-osservazzjoni tar-rappreżentanti tal-kantanti li tkun dejjem preżenti waqt il-Fażi Finali tal-Konkors.

5. Il-ġenituri jew rappreżentant tal-kantanti għandu kull dritt li jattendi għall-provi qabel il-konkors u jressaq talbiet, ilmenti jew suġġerimenti ta' idejat li jkunu konnessi biss mal-preżentazzjoni tal-kanzunetta, biex b'hekk ikun hemm dejjem prodott mixtieq u ta' livell, fejn ikun involut sound, dawl, props, korjografija u krew tal-palk, responsabbli minn dan ikun l-orgranizzatur Benny Casha jew l-Assistenti tiegħu konnessi mal-produzzjoni tal-Palk. Fejn ikun possibli teknikament dejjem tinsab soluzzjoni ta' rimedju, biss id-deċiżjoni finali tkun dejjem ta' l-Organizzatur tal- Konkors **BISS**.

6. L-ebda parteċipant m'għandu jieħu deċizjoni (eż. li ma jipparteċipax) jew xi azzjoni oħra, għal rasu li tista' ttellef l-Organizazzjoni tal-Konkors. Jekk dan iseħħ l-Organizzaturi jistgħu ifittxu għad-danni u jippenalizzaw skond kif jiddeċiedu.

7. L-Organizzaturi huma obbligati li jipprovdu ħin tajjeb u ndaqs lil kull parteċipant biex jagħmel il-provi finali fuq il-palk armat u lest minn kollox.

8. Se jsiru żewġ rehearsals bis-sehem tal-parteċipanti kollha. Waħda il-Ħamis 10 ta' Mejju u l-oħra l-Ġimgħa 11 ta' Mejju 2012 fis-6.00pm.

9. Mhux se jiġu aċċettati talbiet għal rehearsals f'ħinijiet oħra barra dawk stipulati.

10. L-organizzaturi jżommu dritt li jiskwalifikaw lill-parteċipanti fin-nuqqas ta' mġieba mhux xierqa jew jaqilgħu xi inkwiet il-familjari tagħhom.

11. Il-fażi eliminatorja, il-votazzjoni tal-ġurija komposta minn 7 persuni se timxi fuq l-istess linji tal-fażi finali. Fl-eliminatorja mhux se jitħabbru l-punti tal-finalisti, imma min kienu t-30 finalist (A, B, Ċ, D, E) b'6 finalisti kull kategorija u 4 riservi għal kull kategorija.

12. Fil-jiem tal-konkors il-kantanti se jinterpretaw il-kanzunetta skond polza li tittella' waqt laqgħa li ssir qabel il-konkors. Din il-laqgħa sa ssir it-Tnejn 30 ta' April 2012 fis-6.00pm gewwa s-sala tal-Bronk Productions, B'Kara Malta u fiha jittellgħu l-poloz ta' kif sa jkantaw l-kanzunetti fis-serata Finali. Għal din il-laqgħa għandhom ikunu prezenti l-kantanti, l-awturi, kompozituri u l-osservaturi tal-kantanti. Kif ukoll il-genituri tal-

kantanti z-zgħar. Huwa fl-interess personali tagħkom li jattendu.

13. Il-ħlas tal-parteċipazzjoni għal dan il-konkors huwa ta' €45. Dan għandu jsir għand fl-uffiċċju tal-Bronk Productions B'Kara (fejn il-knisja ta' Sant Antnin) bejn id-9.00am u s-7pm (Hinijiet tal-ufficju).

14. L-ebda kantant ma jista' jitfa' aktar minn 6 kanzunetti differenti.

| | | |
|---|---|---|
| **KATEGORIJA** | **A** | **minn 5 snin sa 10 snin** |
| **KATEGORIJA** | **B** | **minn 11-il sena sa 13-il sena** |
| **KATEGORIJA** | **Ċ** | **minn 14-il sena sa 16-il sena** |
| **KATEGORIJA** | **D** | **minn 17-il sena 'l fuq** |
| **KATEGORIJA** | **E** | **Kanzunetti originali b'lingwa barranija minn 12-il sena 'l fuq** |

**ID-DISKI JRIDU JKUNU KOLLHA ORIĠINALI U BIL-LINGWA MALTIJA MINBARRA KATEGORIJA E; LI TISTA' TKUN BL-INGLIŻ, TALJAN JEW FRANĊIŻ.**

Ma' l-applikazzjoni se jitqassmu 2 (żewġ) envelopes, wieħed A5 u ieħor A4.

Fl-envelope (A5) (ittimbrat) għandha tintefa' l-applikazzjoni u kopja ta' l-ID card tal-kompozitur u awtur. Wara dan għandu jiġi ssiġillat mill-parteċipant innifsu qabel ma jgħaddih għand Benny Casha.

Fl-envelope (A4) mhux ittimbrat għandha tintefa' s-CD tal-kanzunetta **irrekordjata tajjeb**, 7 kopji tal-lirika (mingħajr ma jinkiteb xejn fuqha hlief l-isem u lirika tal-kanzunetta) u l-envelope issiġġilat (A5).

**Ir-recording għandu jinkludi wkoll il-vuċi tal-kantant, kantanti, grupp. Għandha tingħata CD bi track waħda li tinkludi l-kanzunetta kompluta BISS.**

**CD bil-backing mużikali u oħra kompluta tintalab biss lil dawk il-kanzunetti li jkunu għaddew għall-finali.**

Għalhekk kull min jitlob formola ta' l-applikazzjoni għandu jara li magħha jkun hemm żewġ envelopes (wieħed minnhom ittimbrat) biex f'wieħed ipoġġi l-materjal u fl-ieħor CD u l-kopji, kif spjegat hawn fuq.

**Fuq l-envelope issiġillat ħadd m'għandu jikteb xejn, ħlief il-kategorija li se jipparteċipa fiha.**

Jistgħu jdaħħlu sa mhux aktar minn 6 kanzunetti kull kantant/a jew grupp, **iżda kull kantant/a jew grupp jista' jkanta massimu ta' żewg kanzunetti biss fis-serata finali; waħda bil-Malti u l-ohra b'lingwa barranija.**

Dawk li jgħaddulhom l-kanzunetti għal fażi finali għandhom żmien tlett ijiem mid-data tat-tħabbir tar-riżultati ta' l-eliminatorja biex jikkonfermaw ma' l-organizzatur l-parteċipazzjoni tagħhom.

**Jekk f'xi kategorija jikkompetu 6 persuni biss l-eliminatorja ma ssirx u dawn jgħaddu għall-finali mill-ewwel dejjem jekk ikunu ta' livell mixtieq il-kanzunetti jinstemgħu xorta. Jekk ma jinħassx livell il-kategorija tista' issir b'inqas parteċipanti.**

Ħadd ma jista' jappella mid-deċiżjoni li tieħu l-ġurija ta' l-eliminatorja u ħadd m'għandu d-dritt jitlob kumpens bl-iskuża li biex jipparteċipa fl-eliminatorja nefaq xi flus.

**Id-deċiżjoni tal-ġurija f'dan il-każ hija finali.**

**Il-parteċipanti se jkollhom id-dritt li jaraw il-voti tal-ġurija sew ta' l-eliminatorja u tal-konkors sa mhux aktar tard ġimgħa wara t-tħabbir tar-riżultat. Wara din d-data ħadd ma jintwera l-voti u l-punteġġi.**

## 15. IL-KANZUNETTI

Il-kanzunetti jridu jkunu kollha kemm huma oriġinali u bil-Malti jew b'lingwa oħra. L-ebda kanzunetta m'għandha tkun b'tema partiġġjana jew li b'mod sottili twassal propoganda partiġġjana. L-Organizzaturi qed jirriservaw id-dritt li jirrifjutaw kull dħul ta' kanzunetta b'tema kif imsemmija f'dan il-paragrafu.

L-interpretazzjoni tal-kantant/a hija importantissima. L-Organizzaturi għandhom id-dritt li jirrifjutaw kantant/a - grupp li ma jkunux ta' livell.

Kull min irid jinkludi l-kor jista' jagħmel dan a spejjeż tiegħu. **L-eta` tal-membri tal-kor ma tistax tkun aktar mil-età tal-kategorija.**

L-Organizzaturi iħeġġu ħafna l-parteċipazzjoni ta' kor. Il-kor jiġi rrekordjat playback għalkemm fis-serati finali jista' jkun fuq il-palk. **Għandha tingħata lista bl-ismijiet tal-membri tal-kor, kif ukoll kopja ta' I.D. Card jew ċertifikat tat-twelid mhux aktar tard minn ġimgħa qabel il-konkors.**

**Importanti li l-kor irrekordjat ikun iffurmat mill-istess persuni jew persuni ta' l-istess eta`.**

Il-gruppi li se jipparteċipaw f'dan il-konkors m'għandhomx ikunu komposti aktar minn seba' persuni.

**Inħeġġu biex kemm ikun possibbli mal-kanzunetta tiddaħħal ukoll korjografija biex kull kanzunetta jkollha aspett viżwali sabiħ.**

**Il-viżwal żgur li jkompli jgħin fil-preżentazzjoni finali. Kanzunetti li jidhru sbieħ fuq il-palk dejjem jiġbdu attenzjoni partikolari, għalkemm il-vuċi, il-lirika u l-muzika l-aktar importanti f'dan il-konkors.**

***Se jingħata trofew apposta għal dan l-element importanti – korjografija u preżentazzjoni.***

Bejn bil-kor u ż-żeffiena u l-kantanti fuq il-palk ma jistax ikun hemm aktar minn 7 persuni. Kull kantant jista' juża dan ir-regolament kif jidhirlu hu.

## 16. IL-FAŻI ELIMINATORJA

Se ssir fażi eliminatorja li permezz tagħha jkunu magħżula l-aħjar 6 finalisti ta' kull kategorija. Il-fazi eliminatorja se ssir billi quddiem il-membri tal-ġurija u l-organizzaturi jinstemgħu l-kanzunetti rrekordjati li jkunu konfrontata mal-lirika biex naraw kemm il-kantanti jwasslu b'mod ċar dak li hemm fil-lirika. L-organizzaturi se joqgħodu ferm attenti biex l-ebda membru tal-ġurija ma jkun kiteb jew ikollu parentela ma' xi Kompozituri jew Awtur u kantanti, u l-istess Ġurati, jiffirmaw wkoll dikjarazzjoni dwar dan.

Is-CD, u l-lirika jitressqu quddiem il-ġurija fl-envelope issiġillat li jiġi nnumerat minn Benny Casha, fil-preżenza tar-rappreżentanti tal-Bronk Productions. B'hekk il-ġurija ma tkunx taf min kiteb u kkompona l-kanzunetta.

Jekk il-ġurija toġġezzjona li r-recording mhux ċar jew huwa inferjuri, tant li ma tistax tagħti l-verdett tagħha, din għandha kull dritt li tiskwalifika mill-ewwel il-kanzunetta mingħajr ma tieħu l-ebda konsiderazzjoni tagħha.

Jekk ikun hemm xi CD, li tkun mitfuha vojta f'envelope, tkun skwalifikata awtomatikament. Jekk xi CD li tkun mitfuha

f’envelope ma tkunx tista’ tinqara mill-apparat provdut, l-Organizzatur f’prezenza tal-ġurija għandu jara fuq appart ieħor, li jista’ jkun ‘stand by’ u jaghmel kull mezz biex il-kanzunetta tinstema. Biss jekk anki hawn terġa ma tinqarax u tinstema l-kanzunetta tiġi skwalifikata.

La fuq l-envelope issiġiljat, la fuq s-CD u lanqas fuq il-kopji tal-lirika m'għandu jkun hemm firem, inizjali jew timbru li jagħtu indikazzjoni ta' min seta’ kiteb jew ikkompona l-kanzunetta, jew xi ħaġa oħra li biha l-ġurija jkunu jistgħu jidentifikaw l-awtur u l-kompożitur tal-kanzunetta.

**Jekk xi ħadd jinqabad li pprova jabbuża dan ikun skwalifikat mill-ewwel.**

Il-ġurija se tivvota skond kif jidhrilha li jkun fl-aħjar interess u l-livell tal-konkors. Ir-riżultat ta' l-eliminatorja jitħabbar b’telefonata u mezzi oħra. Huwa ppjanat li dan joħrog it-Tnejn 16 ta’ April 2012.

Immedjatament kif jitħabbar r-riżultat min ikun issometta l-kanzunetta, huma mitluba jgħaddu l-isem tal-kantanti lil Benny Casha Tel.: 21223347 / 27223347 / 99406258.

## 17. <u>Il-VOTAZZJONI FIS-SERATI</u>

It-total massimu tal-votazzjoni se tkun ta’ 70 punt. Bejn 7 ġurati li jagħtu mill-1 sa l-10. Jekk aċċidentalment xi ħadd mill-parteċipanti dakinhar tal-Konkors jasal tard awtomatikament dan jitlef iċ-ċans tiegħu li jipparteċipa u jkun eliminat mis-serata.

Il-ġurija se tivvota fuq vuċi, lirika, mużika, interpretazzjoni u korografija. F’kelma waħda fuq il-kanzunetta kompluta.

Il-kanzunetti se jingħataw minn punt sa 10 punti minn kull membru tal-ġurija bl-ogħla marka tkun 10. F'kull kategorija ġurat ma jistax jagħti l-istess numru lil kanzunetta differenti.

**Il-kanzunetti finalisti se jkollhom ċ-ċans li jinstemgħaw u jintwerew fuq it-televizjoni u wkoll wara l-Konkors meta toħroġ x-xandira tas-serata Finali.** Dan huwa mezz ta' exposure tajjeb għall-kantanti.

L-għadd tal-voti jsir **BISS** mill-Osservaturi tal-kantanti fil-preżenza ta' Benny Casha (bħala l-organizzatur tal-Konkors) u s-segretarja tal-konkors.

Jekk ikun hemm xi parteċipanti li jġibu l-istess ammont ta' voti jirbaħ il-parteċipant li jkollu l-aktar voti preferenzjali għoljin (l-aktar 10).

Ir-riżultat ta' kull sezzjoni mmedjatament għandu jitqiegħed f'envelope issiġillat u ffirmat mill-osservaturi tal-kantanti jinżamm għand l-orgranizzatur Benny Casha sakemm dan, jitla' fuq il-palk u jitħabbar ir-riżultat finali mill-preżentaturi tas-serata.

**18. <u>C.D.</u>**

Se tinħareġ CD bil-kanzunetti finalisti. Il-kanzunetti finalisti għandhom jingħaddu irrekordjati kompluti u professjonalment lil Benny Casha sa nofsinhar tal-20 ta' April 2012, biex dan min-naħa tiegħu jgħaddiha u jagħmel l-arranġamenti tiegħu mar-recording studio li jkun għażel biex jipproduċi s-CD, b'hekk sal-laqgħa tinħareġ ic-CD.

**Kull min ma jgħaddix id-diska irrekordjata fuq CD kompluta minn kollox u ma jħallasx is-€60 magħha jitħalla barra minn din is-CD, ritratti u DvD tal-Konkors.**

Kull parteċipant se jkun intitolat għal tlett kopji tas-CD tal-konkors li se tinħareġ bil-kanzunetti kollha (30) li jgħaddu għall-finali. Din tiġi mqassma lill-mezzi kollha tax-xandir biex ikunu jistgħu idoqqu l-kanzunetti finalisti. Ta' kull sena jsir issir enfasi kbira biex din s-CD tkun reklamata kontinwament fuq il-mezzi tax-xandir.

Kull parteċipant finalista jrid jħallas €60 biex ikopri l-ispejjez tas-CD, DvD u ritratti. Dan il-ħlas irid isir lil Benny Casha malli l-kanzunetta tgħaddi għall-finali. Il-ħlas jintitola wkoll għal 3 kopji tas-CD.

Din is-CD se titlesta qabel il-konkors biex il-kanzunetti jindaqqu minn qabel fuq r-radju u titqassam fil-laqgħa tal-kantanti.

## 19 PREMIJIET

Jingħata trofew lill-kantanti klassifikati mill-ewwel sat-tielet post għal kull kategorija.

Jingħata trofew għall-aħjar interpretazzjoni fost it-30 parteċipanti tal-finali skond votazzjoni tal-ġurija.

Jingħata trofew għall-aħjar preżentazzjoni tal-kanzunetta (korjografija etċ) minn fost it-30 parteċipanti tal-finali skond votazzjoni tal-ġurija.
Jingħata premju finanzjarju lill-kantanti, kompożituri u awturi klassifikati mill-ewwel sat-tielet post għal kull kategorija. Il-premju huwa ta':

| **Kantanti** | **Kompożitur** | **Awtur** | |
|---|---|---|---|
| €200 | €100 | €100 | għall-ewwel post |
| €100 | €75 | €75 | għat-tieni post |
| €50 | €50 | €50 | għat-tielet post |

***Total ta' €800 kull kategorija***

## 20 BILJETTI

Kull kanzunetta li tgħaddi għal fażi finali għandha tieħu 12 biljett obbligatorju ghal prezz ta' €120; fejn kull biljett jiswa €10. Dan qiegħed isir minhabba spejjez tal-konkors sabiex inżommu premjijiet bil-flus u l-livell tal-konkors, u fl-istess ħin is-sala ma tkunx vojta.

Għal darb'oħra kull kanzunetta tista' tkun sponsorjata għal waqt il-konkors u b'hekk jidher ir-riklam fuq it-televiżjoni u qabel kull kanzunetta jissemma l-isponsor mill-preżentaturi. Dan qiegħed isir biex kulħadd ikollu dritt jiġbor xi spejjeż li jkollkom tal-kanzunetti. Aktar spjegazzjoni tingħata fil-laqgħa.

***DETTALJI FINALI***

*** Sottomissjonijiet – sas- 7 ta' April 2012**
*** Riżultat eliminatorja – 16 ta' April 2012**
*** Laqgħa għall-kantanti – 30 ta' April 2012**
*** CD tasal għandna sal-20 ta' April 2012**
*** Serata Finali is-Sibt 12 ta' Mejju 2012**